MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2010

Numru. 507/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ARTHUR MERCIECA**

**KONTRA**

**ALISTAIR BIANCO ta' 31 sena, iben Joseph u Francis nee' Busuttil, imwieled Tal-Pieta' nhar il-05.11.1979, residenti fil-fond Notre Reve, Triq Hal-Gwann, Zejtun, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 526979M;**
**U CHANTELLE BIANCO ta' 27 sena, bint Joseph u Francis nee' Busuttil, imwielda Tal-Pieta' nhar l-24.02.1983, residenti fil-fond Qasam Hal-Tmiem, Block G, Flat 6, Zejtun, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 142083M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **ALISTAIR BIANCO** u **CHANTELLE BIANCO** li gew akkuzati talli:

**Alistair Bianco wahdu talli:**

1. Fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Gunju, 2008 gewwa z-Zejtun, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Stephen Portelli skond kif iccertifika Dr Mark Grech MD 2905 mic-Centru tas-Sahha tar-Rahal Gdid;

**U aktar talli Chantelle Bianco wahidha:**

2. Fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Gunju, 2008 gewwa z-Zejtun, bil-hsieb li tikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Carmelo Portelli u Alistair Bianco tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' taghha;

3. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Gunju, 2008 gewwa z-Zejtun ikkagunat hsara volontarja fuq il-vettura EAA 763 ta' Stephen Portelli u fuq kiosk proprjeta' ta' Jonathan Baldacchino;

4. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Gunju, 2008 gewwa z-Zejtun, saqet vettura AAR 706 b'manjiera traskurta u perikoluza;

5. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Gunju, 2008 gewwa z-Zejtun, ikkagunat feriti ta' natura hfifa fuq il-persuna ta' Carmelo Portelli skond ma ccertifika Dr Mark Grech MD 2905 mic-Centru tas-Sahha tar-Rahal Gdid;

U aktar talli **ALISTAIR BIANCO U CHANTELLE BIANCO FLIMKIEN:**

6. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, gewwa z-Zejtun, hebbew ghall-imsemmija persuni sabiex jingurjawhom jew idejquhom;

7. U kif ukoll talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, gewwa z-Zejtun, volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

Rat li rispettivament l-imputati wiegbu li ma kinux hatja ta' l-akkuzi migjuba kontra taghhom.

Rat l-Artikolil mibghuta mill-Avukat Generali skond liema hemm mahsuba li tista' tinstab htija u cioe':
Fil-konfront ta' Alistair Bianco:
1. Fl-Artikoli 214 u 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 214 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 338(m)(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 386, u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-konfront ta' Chantelle Bianco:
1. Fl-Artikoli 41(1)(a), 214, u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 214 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 15(1)(a)(2)(3) u 41 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikoli 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-Artikoli 338(m)(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 386, u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Fl-Artikoli 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati taw il-kunsens taghhom ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tikkoncerna glieda li nqalghet bejn l-ahwa l-imputati, u iben u missier cioe’ Stephen u Carmelo Portelli.

L-Ispettur Arthur Mercieca beda jiddeponi billi anke ezebixxa l-istqarrijiet ta’ l-imputati Dok AM5 folio 32 dik ta’ Alistair Bianco, u Dok AM3 dik ta’ Chantelle Bianco. Ezebixxa wkoll certifikati medici mahruga fil-konfront ta’ Stephen Portelli, griehi ta’ natura gravi, sfregju fil-wicc folio 25 Dok AM, kif ukoll Dok AM2 fil-konfront ta’ Charles Portelli a folio 27 – dak ta’ griehi ta’ natura hafifa. Id-Difiza kemm fis-seduta ta’ nhar it-08.07.2008 kif ukoll fis-seduta ta’ nhar it-02.02.2010, ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella’ x-xhieda tat-tobba in konferma ta’ dawn id-dokumenti.

Xehdu dwar il-glieda PS 1337 Malcolm Pace u PS 1429 Eric Mangion. It-tnejn iddeskrivew illi meta waslu fuq il-post tal-glieda huma raw lil Chantelle Bianco issuq il-vettura taghha, Toyota Starlet, ghal fuq tlitt irgiel li kienu qed jiggieldu bil-fliexken, tant li din it-Toyota baqghet diehla fuq il-kiosk u l-bankina.

Iz-zewg pulizija xehdu li kienu l-Portellijiet kif ukoll Alistair Bianco li kienu qed jiggieldu bil-fliexken, anzi jitfghu il-fliexken fl-irjus ta’ xulxin (folio 35 u 50).

Kemm is-Surgent Pace kif ukoll Mangion ikkonfermaw illi l-vettura ta’ Stephen Portelli kellha hsarat estensivi fuq quddiem, mentri skond Pace l-vettura ta’ Chantelle Bianco kellha anke brix mal-genb u l-mudguard li kien ta’ kulur tal-Fiesta. It-tnejn qablu li l-windscreen tal-vettura ta’ Chantelle Bianco kien fil-fatt mifqugh.

Dwar il-griehi Pace qal illi Stephen Portelli kellu l-griehi f’wiccu, f’ghajnejh, u kien inzamm l-Isptar ghall-

osservazzjoni, mentri Alistair Bianco kien l-aktar li sofra griehi mad-dawra ta’ rasu.

Jonathan Baldacchino huwa sid il-kiosk li sofra d-dannu f’dan l-incident. Xehed illi guvni u tfajla kienu karozza ma’ karozza wara xulxin, waqfet it-tfajla bil-karozza taghha u l-guvni minn wara messa bil-karozza tieghu, imbaghad il-guvni nizel ghaliha u qabdu jaghtu. Spjega li kien hemm guvni ma’ din it-tfajla li qala’ daqqa ta’ flixkun, imbaghad din it-tfajla saqet il-vettura taghha ghal gol-kiosk tieghu. Ikkonferma l-istima tal-hsara Dok AM5 sofferta fil-kiosk. Ma gharaf lil hadd li kien involut f’din il-glieda.

Christian Bonnici, ukoll proprjetarju tal-kiosk danneggat xehed biss illi ra glieda u ra xi fliexken ‘gejjin’ u harab minn fuq il-post. Anke hu kkonferma d-dokument AM5, cioe’ l-istima tal-hsarat.

Xehdet ukoll Vanessa Bianco – l-gharusa ta’ Alistair Bianco. Iddeskriviet sew fi kliemha dak li rat minn dan l-incident:

*‘Beda jghid kliem kazin u jirrezja l-karozza u jaghti u jwerzaq u nizel mill-karozza u qalilha jekk mhux ser issuq, qabad u ta daqqa ta’ ponn fil-windscreen u Alistair Bianco hadu lil hemm biex jikkalmah u missieru kompla sejjer jghidilha ‘Inti mhux ser ssuq? Suq minn hawn!’ U jghajjat u Stephen tela’ fil-karozza ghax Alistair prova jikkalmah u ahna hsibnieha ser tispicca hemm l-istorja. Sa dan it-tant gie missier Stephen u qalilha lil Chantelle, qalilha ‘Inti suq minn hawn’ u lil Alistair dar fuqu, b’subghajh ppuntat ma ghajnejh. Qallu ‘Issa lilek inkellmek wara.’ Qabez Alistair, qallu ‘Inti bhalek lili ma ghndekx xi tghidli. Ma ghandix x’naqsam jiena.’ Sa dan it-tant Stephen kif ra din il-bicca tax-xoghol, hareg minn gol-karozza. Ahna hsibnieh sejjer. Nizel minn gol-karozza, hareg injama, ghajjat lil Alistair, qallu ‘Inti gejt taqbez ghaliha? Inti ma ghandekx tindahal.’ Beda jghajjat u Alistair mar normali bhas-soltu ghax dan kien habib taghna, qallu jiena ‘Xejn ma rrid nghidlek jiena.’ Qabad hareg l-injama minn gol-karozza, tal-marlogg, kissirha biex tigi taqta’. Beda jipprova jaqbad jaghtih bl-injama. Alistair sa dan it-tant sakemm qed jilhaq id-*

*daqqiet ta' l-injama, gie missieru minn wara u taht daqqa ta' flixkun ta' Heineken. Fid-daqqa u l-hin inqalghet glieda kbira bi flixken itiru u nies iwerzqu u missier Stephen beda, kien hemm dustbin tal-festa ghax kienet il-festa, kollha fliexken. Beda jitfaghhom ma' l-art. Ahna ma stajna naghmlu xejn. Jiena pruvajt incempel l-ghassa u hadd ma beda jaqbadni u imbghad wara li qbadt lanqas indunajt li qbadt ghax bdejt nara lil Alistair mahsul kollu demm daqs kemm waddbu fliexken u ma stajna naghmlu xejn ahna. Charlie waddbilna flixkun, ghax imbghad tlajt fil-karozza ma Chantelle u waddbilna flixkun lejn il-windscreen u tlajt fil-karozza biex nipprova incempel l-ghassa. U qabditni pulizija, kienet mara, ma nafx min kienet jiena. Lanqas indunajt ghax bdejt nahseb li Alistair kif rajtu mahsul kollu demm twerwirt ghax jiena qatt ma rajt affarijiet bhal dawn. Bdejt nahsbu li miet u lanqas indunajt li jiena stess qbadt l-ghassa. Imbghad indunajt li qbadt u l-pulizija li bdiet tkellimni bdiet tghidli, 'Ghidli fejn qeghdin ha nigu nghinukom' U dak il-hin tfixkilt u bdejt nghidilhla 'Ejja ghax qatluh, qatluh' u bdejt nghajjat u lanqas hi ma bdiet tifhimni. Imbghad ghidtilha li qeghdin wara l-knisja u hekk. Fid-daqqa u l-hin bdew gejjin il-pulizija u Charlie telqu minn fuq il-post qisu ma gara xejn'*

Ikkonfermat li Chantelle saqet il-karozza biex tipprova tgerrex il-glieda, tant bdew iwaddbu fliexken, pero mhux li laqtet il-kiosk.

Dr Mario Scerri appuntat ghal dan l-iskop, prezenta relazzjoni Dok MS, folio 55 – 168, li kien ezamina lil Alistair u Chantelle Bianco, u sab li Alistair kellu lezjonijiet fuq il-mohh kompatibbli ma' strument li jaqta' u li kienu ser jibqghu marka. Kellu wkoll blunt trauma fuq ir-ras. Kellu wkoll diversi lezjonijiet ohra fuq gismu, hafna minnhom kompatibbli ma' daqqiet maghmulin minn strument li jaqta' li kellu hafna xfafar bhal ma hu flixkun miksur. Minn naha l-ohra Chantelle Bianco kellha wkoll hafna lezjonijiet u daqqiet, pero kollha ta' natura hafifa.

Minn naha l-ohra fid-Dok MS1 ikkonkluda li l-griehi sofferti minn Stephen Portelli kienet lacerazzjoni kagunata minn blunt trauma u cioe' bi strument li ma jaqtax u li m'ghandux ponta. Din ic-cikatrici ghalkemm kienet marka fil-wicc li tibqa' tidher, ma kinitx daqstant konspikwa minn talking distance. Minn naha l-ohra ma kien hemm ebda lezjoni li baqghet tidher fuq il-persuna ta' Charles Portelli.

Mario Tonna kkonferma l-invoice ezebita mill-Ufficjal Prosekutur a folio 31 tal-hsarat li garrab il-kiosk, cioe' s-somma ta' €152.46, VAT inkluz, mentri Jonathan Pace kkonferma dik ezebita a folio 30 Dok AM4, cioe' l-hsara li saret fuq id-display tal-kiosk 'Lickin Meals', ghall-ammont ta' €224.20 u €198.00.

Gie kkonfermat mir-rapprezentant tal-ADT illi l-vettura Ford Fiesta EAA 763 tappartjeni lil Stephen Portelli, mentri t-Toyota Starlet tappartjeni lil Chantelle Bianco.

Xehdu minn jeddhom Alistair u Chantelle Bianco.

Ghalhekk Alistair Bianco spjega li ohtu qabel l-incident kellha relazzjoni ma' Stephen Portelli – wahdu skondtu tumultuza. Xehed li fil-fatt Stephen Portelli wara li spiccat din ir-relazzjoni baqa' jigri wara ohtu, il-ko-imputata, anke jcempillha. Qal dwar Portelli li dan kien il-hin kollu jigri warajhom. Dwar l-incident xehed li waqt li hu kien il-festa taz-Zejtun, cemplitlu ohtu u qaltlu li Stephen Portelli kien qieghed isegwieha u ma kienx qieghed ihalliha tasal id-dar. Ghalhekk hu mar jaghtiha l-ghajnuna wara l-Knisja taz-Zejtun, hemm ra lil ohtu wieqfa fin-nofs tat-triq bil-karozza b'Portelli warajha. Rah u semghu jghajjat ma' ohtu, iddeskrivih bhala ghajjat kbir. Ra wkoll lil Portelli jaghti bil-ponn fuq il-vettura ta' ohtu. Gara li ohtu, minhabba n-nies li kien hemm fil-festa, ma setghetx issuq aktar. Spjega li meta fil-karozza Stephen Portelli beda jirrejza l-vettura tieghu gas down u jerga' jinzel minnha. Rah anke jimbotta l-vettura ta' ohtu bumper ma' bumper ghal diversi drabi, tant illi anke beda jipprova jitfaghha (lil ohtu) fuq il-bankina, dan ghal darba darbtejn. Mar iferraqhom u pprova jikkalma lil Portelli, tant anke li tella' lil Portelli fil-karozza. Kien hawn li missier Stephen qallu

'Issa nkellmek wara.' Xehed il-ko-imputat illi hawn Stephen gab marlogg minn gol-vettura u litteralment kissirha fuqu. Xehed illi bil-marlogg laqtu f'sidru, f'rasu, f'idejh, f'dahru, kif ukoll li Stephen u missieru anke bdew jgaraw li sabu ma' l-art. Anke tah go rasu bil-flixkun. Xehed ukoll illi hu b'ghajnejh ra lil Stephen jimbotta lil ohtu bil-vettura fuq il-bankina. Qal illi sema' hoss ta' magna qawwija u ra dawn sejjer ghal fuqu, pero ma setax jara li kienet ohtu li kienet qed issuq ghal fuqhom. Hu mill-vettura ntlaqat f'saqajh.

Mistoqsi in kontro ezami kif spicca wegga' Stephen Portelli, wiegeb illi jiftakar li hu pprova jiddefendi lilu nnifsu, u li jekk kien laqat lil Portelli ma kienx jaf.

Spjega wkoll illi waqt li missier Portelli kien ghadu jsawtu u jaghtih, Stephen Portelli tela' fil-vettura tieghu u mbotta l-karozza ta' ohtu ghal fuqhom. Qal illi waqt li kienet qieghda tinstaq il-vettura ta' ohtu, fiha kien hemm ohtu Chantelle u l-gharusa tieghu Vanessa.

Xehdet ukoll il-ko-imputata Chantelle Bianco. Spjegat li waqt li kellha relazzjoni ma' Stephen Portelli, dan kien anke spicca jsawwatha, tant illi fl-ahhar incident ta' bejniethom qabel ma hassret minn mieghu, cioe' tlitt ijiem qabel il-glieda, kien taha xebgha sew tant illi kellha kustilja ticcaqlaq u wgiegh fi snienha (vide certifikati medici minnha prezentati). Stephen Portelli beda jcempillha u jsegwiha d-dar. Ghalhekk dakinhar ta' l-incident rega' segwieha u jghidilha biex tieqaf bil-vettura ghax ried ikellimha. Beda jghajjat. Xehdet illi beda isuq warajha u jsuq go fiha. Ma sabitx pulizija jaghtuha l-ghajnuna u ghalhekk cemplet lill-ko-imputat huha. Meta waslet wara l-Knisja, Stephen Portelli baqa' skondtha jaghfas ghal go fiha, jimbuttaha bil-karozza taghha ghal gon-nies. Nizel minn gol-vettura u bil-ponn faqaghlha l-windscreen tal-karozza. Prezentat stima ta' dan, Dok SB u SB1. Xehdet li wasal huha Alistair fuq il-post u beda jistieden lil Stephen Portelli biex jikkalma tant li tella' lil Stephen Portelli fil-vettura. Kien hawn illi nqala' missier Portelli u qal lil Alistair li kien ser ipattihielu, billi jarah wara. Xehdet illi kif ra hekk Stephen tefa' flixkun lil Alistair, laqtu u beda

hiereg id-demm. Hareg anke njama li kien izomm fil-vettura tieghu. Qabdu jaghtu lil huha. Qalet illi kien hawn li hi ppanikjat, dahlet fil-vettura, rat lil huha ma’ l-art, Charles Portelli jaghtieh u Stephen jipprova jtajru bil-karozza. Qalet illi hi biex ma ttajjarx lil huha rriversjat tikka l-karozza u l-karozza taghha giet qisa mdawra lejn il-bankina. Qalet anke li Stephen tellaghha fuq il-bankina ghax imbuttaha bil-karozza tieghu. Ammettiet li saqet il-karozza pero li rriversjatha biss. Spjegat illi hi qatt ma saqet il-karozza ghal fuq huha u li kull ma ghamlet li rriversjat il-karozza biex tbezzaghhom, anzi biex twaqqaf lil Portellijiet milli jkomplu jagredixxu lil huha. Xehdet illi kien Stephen li mbuttaha ghal fuqhom waqt illi missieru kien qieghed isawwat lil huha. Insistiet illi x’hin gew il-pulizija Stephen kien gol-vettura tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi Alistair u Chantelle gew akkuzati li kkagunaw feriti gravi u attentat ta’ l-istess rispettivament.

Illi jirrizulta mill-provi prodotti li certament kien Stephen Portelli li fittex dan l-inkwiet kollu billi segwa u agredixxa lil Chantelle Bianco. Alistair Bianco fil-fatt dahal fiz-zifna ghax mar jipprotegi lil ohtu milli tigi aggredita minn bniedem li kien gia’ aggressiv u vjolenti maghha. Veru li l-pulizija (ibid) xehdu li huma raw tlitt irgiel jitfghu fliexken lejn xulxin (vide xhieda ta’ PS 1337), mentri l-pulizija l-iehor ra biss tnejn, pero taqbel mat-tezi tad-Difiza li Alistair Bianco, apparti li jipprotegi lilu nnifsu kien anke jipprotegi lil ohtu u anke lil dak iz-zmien l-gharusa tieghu, ukoll prezenti fuq il-post ta’ l-incident. Frankament Stephen Portelli u missieru ma jistghux jippretendu mod iehor wara li aggredew lill-imputati – dan li jirrizulta mill-atti u aktar car mix-xhieda ta’ Vanessa Bianco.

Chantelle Bianco giet anke addebitata b’attentat li tikkaguna griehi, dan meta allegatament saqet il-vettura taghha fuq it-tlitt irgiel. Hi nnegat li ghamlet dan, tant illi argumentat li qatt ma riedet twegga’ lil huha, anzi qalet illi hi kull ma ghamlet li rriversjat u li kien Stephen li mbuttaha bil-karozza. Il-pulizija kif premess xehdu mod iehor. Huwa

zgur li Chantelle Bianco saqet il-vettura taghha, qalet li ghamlitu biex tbezza' lil Portellijiet u ma kellha ebda ntenzjoni ulterjuri.

Pero x-xhieda ta' Jonathan Baldacchino, sid il-kiosk, kienet cara li kienet it-tfajla li saqet fuq il-kiosk u kkagunat id-danni gia' hawn fuq imsemmija. Kienet x'kienet l-intenzjoni ta' Chantelle Bianco, cioe' li tifred il-glieda u tipprotegi lil huha, dan is-sewqan ghamlitu go pjazza mimlija nies.

Mix-xhieda tal-pulizija jirrizulta wkoll illi Chantelle anke bidet tidghi waqt din il-kommozzjoni.

Illi tenut kont ta' dak kollu premess, din il-Qorti tillibera lil Alistair Bianco u Chantelle Bianco mill-effetti tar-reati kontemplati taht l-Artikoli 214, 216, 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-attentat ta' l-istess (fir-rispett ta' Chantelle Bianco). Tilliberahom ukoll mill-effetti ta' l-Artikolu 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-ragunijiet premessi ta' difiza. Issib fil-konfront tat-tnejn htija ai termini ta' l-Artikolu 338(m)(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Chantelle Bianco hija wkoll hatja ta' sewqan traskurat u perikoluz ai termini ta' l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u talli b'hekk ikkagunat danni kif gia' spjegati fil-kiosk, dan ai termini ta' l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, Alistair Bianco huwa kkundannat biss ghal emenda ta' €69.90.

Chantelle Bianco qieghda tigi kkundannata ghal multa ta' €233, sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien tlitt(3) xhur taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u in kwantu ghar-reat taht l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tigi liberata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena (1), u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------